# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Gimgha, 29 ta' Settembru, 2000**

**Numru: 1**

**Citazzjoni Numru: 459/94 JF**

**Daniel Reginiano bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Time International Company Limited.**

**vs**

**Joseph Apps ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sea Malta Company Limited u lill-Sydney A. Gatt u Louis A. Gatt fil-kwalita' taghhom ta' Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Gatt Shipping Services Limited u dina bhala agent gewwa Malta tad-ditta Assocam SRL ta' l-Italja.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta' attrici mpurtat mill-Italja partita merkanzija konsistenti f'sitta u ghoxrin (26) "Cartons Knitted Outerwear" f'container ("groupage") Numru Accu. 201213/1 permezz tal-vapur "Pinto" illi wasal Malta fis-16 t'April 1993.

U premess illi meta l-imsemmi Container gie zbarkat u miftuh tnejn u ghoxrin (22) mill-imsemmija "cartons" instabu nieqsa.

U premess illi bhala rizultat ta' dana n-nuqqas is-socjeta' attrici sofriet danni konsiderevoli kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

U premess illi l-konvenuti nomine, jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici.

Talab li dina l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjarhom responsabbli ghan-nuqqasijiet u konsegwenti danni sofferti mis-socjeta' attrici;

2. Jigu likwidati d-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici; u

3. Konsegwentement jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Sydney u Louis Gatt noe fejn eccepew bir-rispett:-

1. Illi in linea preliminari, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stanti illi huma m'ghandhomx ir-rapprezentanza gjuridika gewwa Malta tad-ditta "Assocam SRL" tal-Italja ghaliex huma sempliciment il-"Handling Agents" u korrispondenti tal-istess ditta gewwa Malta;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur, stanti illi l-konvenuti qatt ma setghu ikunu responsabbli ghan-nuqqas allegat billi:

a. il-merkanzija li allegatament instabet nieqsa kellha tasal Malta mal-container numru ACCU.201213/1 li wasal Malta mill-Italja mal-vapur Pinto fis-16 ta' April 1993 u kellu fuqu s-sigilli intatti li twahhlu fuqu gewwa l-Italja kif ukoll katnazz li twahhal fuqu wkoll l-Italja u li kien ukoll intatt;

b. mal-wasla tal-container gewwa Malta, u wara illi tnizzel fuq l-art, l-ufficjali tad-dwana ta' Malta nkarigati regghu ghamlu s-sigilli taghhom fuq l-istess container u dana fl-istess gurnata tal-wasla tal-vapur;

c. bejn is-16 ta' April 1993 u d-19 ta' april 1993, il-container in kwistjoni nzamm fil-"Laboratory Wharf" u meta fid-19 ta' April 1993 gie biex jingarr minn hemm ghal gewwa "Ricasoli Groupage Bonds", il-'Customs Releasing Officer' in kwistjoni ccertifika illi s-sigilli imsemmija f' (a) u (b) fuq kienu intatti;

d. l-istess container baqa' Ricasoli bejn id-19 u l-21 ta' April 1993, f'liema l-ahhar data huwa nfetah fil-prezenza tal-konvenuti u l-Fizzjal tad-Dwana R. Aquilina, liema fizzjal rega' ccertifika bhala ntatti s-sigilli kollha qabel ma nqasmu u dana kollu kif jirrizulta mill-anness dokument li qieghed jigi mmarkat bhala dokument 'D';

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Joseph Apps fil-kwalita' tieghu ta' Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sea Malta Company Limited fejn eccepixxa bir-rispett:

Fl-ewwel lok l-esponenti ma ghandhomx ir-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta' Sea Malta Company Limited u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Fit-tieni lok illi s-socjeta' konvenuta hawn eccipjenti ma ghandha l-ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici u ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Fil-mertu li l-oggetti ngarru f'container sigillat taht il-klawsola "said to contain" u hekk gew konsenjati u ghalhekk s-socjeta' eccipjenti ma hija responsabbli ghall-ebda hsara jew nuqqas.

Fl-ahhar lok il-limitazzjoni ta' responsabbilita' skond it-termini tal-polza tal-karigu.

Salvi eccezzjonijet ulterjuri.

Rat id-dikjarjazzjonijet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom, flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet importat lokalment numru ta' "cartons" kontenenti "knitted outerwear" li ngarru mill-Italja lejn Malta tramite l-bastiment M.V. Pinto mmexxi mis-socjeta' konvenuta Sea Malta. Il-merkanzija kienet tghabbiet go "Groupage Container". Fil-fatt tressqu provi li juru li dan il-kontenitur tnizzel Malta bis-sigilli tieghu ntatti u hekk baqa' sal-mument li gie miftuh fil-prezenza tal-ufficjali tad-Dwana. Kien f'dan il-mument, igifieri gewwa d-Depost li hemm fir-Ricasoli, li nstabu numru sew minn dawn il-"cartons" destinati lis-socjetqa' attrici neqsin. Dwar il-konsistenza tal-merkanzija, cjoe' kemm kellha tkun, hemm xi divergenzi zghar. Il-fizzjal tad-Dwana, Raphael Aquilina, xehed li skond ir-"records" taghhom, l-importatur kellu jircievi 20 kaxxa u meta nfetah il-"container" instabu biss erbgha (4) kaxxi - igifieri 16-il

kaxxa anqas. Min-naha l-ohra, l-attur nomine jippremetti li b'kollox sab nieqsa 22 kaxxa. Dan in-numru jaqbel ma' dak li xehed il-konvenut Louis A. Gatt nomine, u cjoe' li suppost kellhom jaslu Malta 26 kaxxa, minn dawn waslu biexx 4 kaxxi, u kwindi jfisser li b'kollox kien hemm 22 kaxxa neqsin - kif ippremetta l-attur nomine fl-att tac-citazzjoni.

Illi, dan maghdud, id-diffikulta tal-vertenza tirrigwarda izda min ghandu jkun tenut responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet, jew ahjar "short delivery" tal-merkanzija.

L-attur nomine harrek lis-Sea Malta bhala t-trasportatur u lis-socjeta' Gatt Shipping Services Limited u dina bhala agent gewwa Malta tad-ditta Assocam SRL tal-Italja li spediet il-merkanzija.

Illi gja' inghad li s-sigilli tal-"groupage container" de quo instabu intatti mill-mument li l-merkanzija halliet l-Italja u twasslet Malta u nfethet fil-prezenza tal-ufficjali tad-Dwana, ammenoke' ma gewx imbaghbsin u mibdulin dawn is-sigilli - prova li ma tirrizultax li saret. Is-socjeta' trasportatrici rceviet il-merkanzija taht il-polza ta' kariku fil-kondizzjoni ta' "said to contain" in kwantu riferibbli. Ghall-merkanzija mqeghda fil-"groupage container" de quo. M'hemm l-ebda prova li kien hemm responsabbilta' da parti ta' din is-socjeta' trasportatrici ghaliex jirrizulta li meta hija rceviet il-"container" abbord dan kien bis-sigilli. L-istess socjeta' attrici f'ittra li hija baghtet lis-socjeta' konvenuta l-ohra fejn zammitha responsabbli - ara ittra a fol. 87 tal-process tnizzel hekk mil-legali tas-socjeta' attrici,

> *"It is obvious to us that the container must have been tampered with in transit."*

Tali fatt ma jirrizultax mill-provi billi ma jidhirx li s-sigilli gew b'xi mod imbaghbsa.

Min-naha l-ohra, Louis A. Gatt ghan-nom tas-socjeta' kovenuta l-ohra xehed kategorikament li s-socjeta' li taghha kien ko-Direttur <u>ma kenitx agent</u> tas-socjeta' estera Assocam SRL imma sempliciment <u>korrispondenti</u> taghha fis-sens li hija kellha tiehu biss hsieb il-"handling" tal-kontenitur appena dana jitwassal Malta <u>u mhux qabel</u>.

Ghalhekk, isostni dan ix-xhud konvenut, huma ma setghux jinzammu responsabbli ghall-akkadut.

L-istess attur nomine - li xehed fis-seduta tat-8 ta' Frar 1996 - jaghmilha cara li meta huwa baghat impjegata tieghu, Eleonor Pirotta, biex tissorvelja l-iskarikar tal-"container", il-pozizzjoni kienet din (ara l-ahhar paragrafu tad-depozizzjoni, a fol. 39 tal-process),

> *"Jiena gejt infurmat minn Pirotta, li s-sigilli kienu ntatti, u ghandi t-timbri tad-Dwana fuq dan li qed nghid, igifieri t-'trailer' kien ghadu ssigillat."*

Il-Qorti hija tal-fehma li l-attur nomine naqas milli jipprova li xi wahda miz-zewg socjetajiet konvenuti jew it-tnejn li kienu responsabbli b'xi mod ghan-nuqqasijiet riskontrati meta tnehhew is-sigilli mill-"container" u giet spezzjonata l-merkanzija kif fuq inghad.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati miz-zewg socjetajiet konvenuti, tichad it-talbiet attrici kif dedotti bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-attur nomine.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md